# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

Appell Nru: 573/2013

Il-Pulizja

Vs

Jason Scerri

Seduta tal-lum 15 ta' Dicembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jason Scerri, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 167774M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-13 ta' Gunju, 2013 ghall-habta ta' 12:30hrs fi Triq iz-Zinzel, Qormi;

1. Ghamel uzu minn vettura Nru. KP57JWC minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta biex tintuza fit-triq;
2. Ghamel uzu minn vettura Nru. KP57JWC minghajr ma kellha pjanci tar-registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta;
3. Saq vettura Nru. KP57JWC minghajr ma kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li Jason Scerri jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-10 ta' Dicembru, 2013, li biha sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha u kkundannatu multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2400) u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Scerri, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija u imputazzjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrisalu ghat-13 ta' Gunju 2013 meta allegatament l-appellant, allura imputat, kien imwaqqaf mill-Pulizija filwaqt li kien qed isuq vettura bin-numri ta' registrazzjoni barranija. Permezz ta' affidavit PC1537 xehed illi ghal-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar waqqaf din il-vettura u talab lix-xufier jipproduci dokumenti relevanti inkluz il-licenzja tas-sewqan tieghu, polza ta' assikurazzjoni u dawk biex juri li kien beda l-process ta' registrazzjoni l-gdida ta' vettura. Il-vettura kellha l-licenzja skaduta u ma kellhiex polza ta' assikurazzjoni;

2. Jokkorri, izda, qabel kull konsiderazzjoni ohra li jkun deciz il-punt sollevat *ex officio* minn din il-Qorti dwar il-possibbli nullita' tas-

sentenza appellata. Ezami ta' din is-sentenza juri illi f'dik il-parti taghha fejn l-ewwel Qorti kellha tindika l-artikoli tal-ligi li dwarhom instabet htija, ssenjalat biss li "*Rat il-ligi*". L-ewwel Qorti kellha, *ex* artikolu 382 tal-Kodici Kriminali tindika dawk il-provvedimenti tal-ligi li dwarhom sabet htija. Meta tiddikjara li rat il-ligi, l-Qorti ma tkunx qed tissodisfa l-vot tal-artikolu 382 u peress illi huwa palesi li dan jammonta ghal-nuqqas ta' formalita' sostanjzali, din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata u ghaddiet sabiex tisma l-provi mill-gdid fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali.

3. Kwantu ghall-provi, din il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit tal-ufficjal tal-Pulizija li l-kontenut tieghu huwa riprodott *supra* . L-appellant xehed quddiem din il-Qorti u ddikjara li dak iz-zmien kien jahdem ma' Caro Motors u li l-vettura kellha t-Trial Run plates li izda ma kienux imwahhlin u kienu jinsabu mqieghda bejn is-seats minghajr ma kien jaf bihom. Dak il-hin kien qed isuq ghaliex l-imghallem tieghu baghtu t-Transport Malta sabiex isir valutazzjoni tal-vettura ghal-skop ta' registrazzjoni. Huwa jichad illi lill-ufficcjal tal-Pulizija kien wiegbu li kien ghadu kemm akkwista l-vettura izda ikkonferma quddiem din il-Qorti illi l-vettura kienet ghadha kemm xtratha t-tfajla tieghu. In kontro-ezami qal li kien ghadu fuq probation ma' Caro Motors;

4. Il-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti. Id-dokument a fol 4 huwa certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura BMW 120D SE bin numru ta' registrazzjoni barranija KP57 JWC registrata fuq certu Miss Julieth Jurado u mghoddija lill-CARO MOTORS ta' Hal Balzan. Id-dokument a fol 5 hija valutazzjoni tal-vettura *de quo* maghmulha minn Tranposrt Malta fit-13 ta' Gunju 2013, igifieri d-data li fiha kien intercettat l-appellant. Id-dokument 6 imbaghad hija kopja tal-polza ta' assikurazzjoni ta' Altas Insurance tal-BMW bl-istess *chassis number* favur certu Claudette Micallef minn H'Attard. Dil-polza ukoll inharget fit-13 ta' Gunju 2013 izda l-kopertura bdiet mill-hin fuqha indikat tas-18.15. Rapprezentant ta' Transport Malta xehed illi din il-vettura qatt ma kienet registrata fuq isem l-appellant;

5. Dawn il-fatti kollha iwasslu lill-din il-Qorti ghal konvinciment illi li kien minnu, kif qed jikkontendi l-appellant, igifieri li kien qed isuq bit-*Trial Run* plates, bhala impjegat ta' dealer tal-vetturi, x'kien zammu milli jiddikjara dan mal-ufficcjal tal-Pulizija, milli jressaq dik il-prova quddiem din il-Qorti li verament kien impjegat. Gravanti l-verzjoni tal-appellant ukoll hemm il-fattur illi *gratia argomenti* kellu jitwemmen, xi problema kellu jressaq lid-dirigenti ta' Caro Motors biex juri li f'dak iz-zmien kellhom f'isimhom *Trial Run* plates biex ikopru is-sewqan ta' dik il-vettura anke jekk l-uzu ta' dawk il-plates *se mai* kien wiehed hazin la darba ma kienux mwahhlin mal-vettura *ex* regolament 38 AL 476 tal-2004. L-appellant jikkontendi illi Caro Motors kellhom polza tal-assikurazzjoni li tkopri l-vetturi kollha taghha izda in atti ma hemm l-ebda tali dokumenti hlief ghal polza ta' assikurazzjoni favur Claudette Micallef li inharget sitt sighat wara li l-appellant kien mwaqqaf;

6. Ghal dawn il-motivi, ssib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65, reg 34(7) AL 476 tal-2004 u art 3 tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant ghal-hlas ta' multa ta' Euro 2,400 u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' sena (1) mil-lum, bl-ewwel pagament isir sal-31 ta' Jannar, 2017